TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

77

Avviż Numru CCT 273/13-F

**Antoinette Debattista**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 16 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Novembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf, mitejn u sebgħa w sebgħin ewro, u tlieta w tletin ċenteżmu (€1,277.33), rappreżentanti spejjeż żejda li nkorriet minħabba installazzjoni ħażina ta' *solar water heater* u 9 pannelli.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *solar water heater* u 9 pannelli, u minkejja li irranġaw il-problema u kienet qed taħdem, xorta baqgħet tirċievi l-kontijiet tad-dawl bl-għoli.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-problema tal-installazzjoni ma kinitx *da parte* tagħhom imma kienet *da parte* tal-Enemalta, u fil-fatt meta l-problema ittranġat beda jaħdem normali.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-verżjoni tas-soċjeta' ntimata hija kredibli u aċċettabli, minħabba l-fatt illi wara li saru t-tiswijiet fil-parti responsabbli tal-Enemalta beda jaħdem tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888